VERŻJONI ELETTRONIKA



*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,489, 27 ta' Ottubru, 2015*
*Taqsima B*

**A.L. 354 tal-2015**

**ATT DWAR L-EDUKAZZJONI**
**(KAP. 327)**

**L-Ordinamenti tal-2015 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2009 skont ir-Regolamenti tal-2008 għall-Grad ta' Doctor of Philosophy - Ph.D. - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Arti**

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tal-Arti bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81(1)(ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

**It-Titlu**

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2015 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2009 skont ir-Regolamenti tal-2008 għall-Grad ta' Doctor of Philosophy - Ph.D. – u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2009 skont ir-Regolamenti tal-2008 għall-Grad ta' Doctor of Philosophy - Ph.D. - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Arti, ippubblikati bħala Avviż Legali 309 tal-2009, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

**L-Applikabilità**

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw minn Ottubru 2015 'il quddiem.

**L-Emenda għall-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali**

3. Minflok l-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"3. (1) L-applikanti għall-Grad offrut mill-Fakultà għandhom ikollhom wieħed minn dawn il-gradi:

(a) grad ta' Master bi klassifikazzjoni ta' Għadda b'Mertu (jew l-ekwivalenti) fl-istess qasam ta' studju jew f'qasam relatat. Fil-każ ta' applikanti li għandhom grad ta' Master mill-Università ta' Malta jew minn università oħra, fejn ma jkunx possibbli tiġi determinata l-ekwivalenza ta' Għadda b'Mertu, il-Bord jista' jiddetermina proċeduri *ad hoc* biex ikun jista' jistabbilixxi din l-ekwivalenza. Il-parir tad-dipartiment responsabbli għall-qasam ta' studju għandu jinkiseb fil-każijiet kollha; jew

(b) grad miksub fl-Ewwel Klassi bl-Unuri fl-istess qasam ta' studju jew f'qasam relatat."